**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Busuttil]**

**vs**

**Kevin Mifsud**

**Kumpilazzjoni Numru: 226/2021**

**Illum, disgha (9) ta' Lulju, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Kevin Mifsud detentur tal-karta tal-identità 437174M** akkuzat talli f'dawn il-gzejjer matul is-snin 2017 u 2018 b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. **B'ghemil zieni, kkorrompa lill -Omissis- ID: -Omissis-, imwieled fit--Omissis- meta hu kien tutur ta' l-imsemmi minuri ghal xi zmien jew meta l-istess minuri gie fdat lilu sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu.**
   **Art 203(1)(c) ta' Kap 9 tal-Ligigjiet ta' Malta**

2. **Aktar talli fl-istess cirkostanzi ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta' u cioe' -Omissis- ID: -Omissis- imwieled fit--Omissis-.**
   ***Art. 204C(1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

**Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, fik provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq imsemmija kif ukoll ghal familjari taghhom.**

**Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,**

**kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.**

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Ottubru 2021 fejn dakinhar kien talab li jithejja Pre Sentencing Report minn ufficjal tal-Probation li tali talba kienet giet milqughha;

Rat il-pre sentencing report tal-ufficjal tal-Probation Odelsie Vella Bayliss[1] fejn wara li dan gie mahluf minnha l-ammissjoni giet irtirata mill-imputat;

Rat in-nota tal-Prim Imhallef Mark Chetcuti datata tmienja u ghoxrin (28) ta' April 2021 fejn assenja din il-kawza lil din il-Qorti kif presjeduta stante li l-Magistrat Dr Audrey Demicoli kienet giet elevata ghal Imhallef;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata erbatax (14) ta' April 2021 fejn inghata l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

## IKKUNSIDRAT

[1] Dok. OB1 a folio 42.

Illi semghet ix-xhieda ta' **<u>Dr Stephanie Borg Bartolo</u>** li bhala professjoni hija psikologa fejn din kellha taht il-kura taghha lill-minuri -Omissis- wara li gie riferut ghandha minn David Grillo tal-pastoral care fis-Seminarju fis-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021) minhabba li l-minuri kien qed ibati minn *post traumatic stress disorder* minhabba l-allegazzjonijiet odjerni. Tghid illi hija kienet tahdem bhala psikologa l-iskola tas-Seminarju u kienet tmur hemm darba f'gimgha. Dan qalilha meta kien imur il-hargiet ma' tal-Muzew u fejn fil-bahar kien jigi mbaghbas mill-imputat fil-parti privata tieghu.

**<u>David Grillo</u>** min-naha tieghu jghid illi -Omissis- gie riferut lilu mill-guidance teacher tieghu u dan semmielu li kien jigri dan l-abbuz meta kien ikun il-bahar ma' tal-Muzew ghaliex l-allegat aggressur kien parti minn din il-komunità u minhabba f'hekk kien ikollu hafna palpitations u bizghat u xi drabi kien jitlaq jigri bir-rota. Dan jghid illi t-tifel kien qed ibati wkoll minn flashbacks u kien ikollu holm ikrah li dan kollu affettwah negattivament fl-iskola.

Semghet lil missier il-minuri **<u>-Omissis-</u>** li jghid illi meta -Omissis- kellu tlettax (13)-il sena dan kien fetah qalbu ma' certu -Omissis- u wara qal lil ommu fl-ahhar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) b'dak kollu li kien gara mal-imputat.

Jghid illi mbaghad il-pulizija baghtet ghalihom f'Jannar tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021). Jghid illi kien baghat ghalihom id-Delegat tal-Muzew li min-naha tieghu offrielhom li jhallsilhom psikologu jew psikjatra kif ukoll bdew ikellmuhom mis-Safeguarding Commission tal-Kurja Andrew Azzopardi. Dan imbaghad gie riferut ghand Dr Stephanie Borg Bartolo ghas-sessjonijiet maghha fejn din qaltilhom li t-tifel kien qed ibati minn *Post Traumatic Stress Disorder* (PTSD). Il-missier jghid ukoll illi hu u l-mara kienu ndunaw li kien hemm xi haga hazina fit-tifel meta beda jmur hazin fil-marki tal-iskola.

Jghid illi t-tifel kien kellem l-ewwel lil ommu fejn dan qalilha li meta kienu jmorru l-hargiet ma' tal-Muzew il-Hadd wara nofsinhar il-bahar daqqa Xrobb l-Ghagin u daqqa Wied iz-Zurrieq waqt li kienu jkunu jghumu kien jigi l-imputat u jdahhal idejh minn taht il-malja u juza certu forza biex izommu taht il-bahar biex hu ma jkunx jista' jinqabad. Jghid illi dak iz-zmien -Omissis- kellu bejn ghaxra (10) u hdax (11)-il sena. Jghid illi kien hemm zmien fejn it-tifel kien jitlob lil ommu biex jilbes boxer shorts taht il-malja li wara li saru jafu l-istorja fehmu li dan kien jaghmel hekk sabiex jirrestringi l-access tal-imputat. Jghid illi wara li ntemmet it-terapija t-tifel mar ghall-ahjar izda mhux kif kien qabel.

Xehdet omm il-minuri **-Omissis-** li kkonfermat dak kollu li kien qal zewgha qabilha u ziedet illi t-tifel qabel ma kellu jigi l-Qorti rega' beda jibza' specjalment li jara lill-imputat anke meta jara vann tal-Muzew. Tghid illi minhabba l-ansjetà li sar ghandu din effettwatu hazin hafna specjalment meta jasal biex ikollu l-ezamijiet. Inkontroezami tghid illi dawn l-avvenimenti mal-imputat bdew jigru ezatt qabel il-Grizma u cioè meta t-tifel kellu hdax (11)-il sena u dawn kienu jkunu kwazi kull Hadd.

Il-minuri **-Omissis-** kien ta x-xhieda tieghu permezz tas-sistema awdjoviziva fil-prezenza tal-Qorti fejn huwa jispjega li fiz-zmien meta kien imur il-Muzew kien imur kwazi ta' kuljum inkluz il-Hadd fejn wara li kienu jisimghu quddiesa kienu jmorru l-bahar fis-sajf. Jghid illi fil-bidu tas-sajf tal-elfejn u tmintax (2018) meta kien ikun il-bahar jghum kien jigi l-imputat u ghall-ewwel kien imissu barra mill-malja li kienu jkunu qisu shorts vicin tal-parti tieghu izda fuq il-koxxa. Din il-haga kienet tigri ta' spiss. Jghid illi wara dan kien idahhal idu gol-malja u kien imisslu l-warrani fuq il-laham. Jghid illi kien ikun hemm xi stanzi fejn bis-sahha tieghu kien izommlu gismu taht il-bahar u xi kultant kien jghoddsu wkoll. Ghalhekk, jghid illi kien jibza' jiddefendi lilu nnifsu dan ghaliex ukoll ghal fatt li kien jghallmu u ommu u missieru kienu jafdawh hafna. Jghid illi

anke fil-knisja kien dejjem iridu hdejh. Jghid illi dak iz-zmien kellu xi hdax (11)-il sena u beda jaghraf il-fatt li dawn l-affarijiet kienu hziena u ghalhekk beda jilbes qalziet ta' taht, taht il-malja biex speci ta' jipprotegi lilu nnifsu aktar izda jghid illi dan xorta kien jirnexxilu u kien idahhal idejh u jaghfas il-warrani tieghu. Jghid illi dan il-gest kien idum xi ftit u kien jaghmilha kull darba li kienu jmorru l-bahar. Jghid li kien hemm drabi fejn ma kienx irid imur il-Muzew izda l-genituri tieghu kienu jgaghluh imur sabiex ma jitlifx l-attendenza u ghaliex kienu jhegguh minhabba Kevin Mifsud.

Darb'ohra jghid illi kienu jilaghbu l-futbol u l-imputat kien fuq bank qed jarahom u meta t-tifel kien ghajjien mar jistrieh fuq dan il-bank u l-imputat beda jsaqsih domandi intimi bhal jekk jitlaghlux suf ma' gismu kollu u jekk iqaxxrux.

Ix-xhud jghid illi din il-grajja affettwatu psikologikament tant illi fis-sena elfejn u ghoxrin (2020) kienet bdiet tohrog il-PTSD. Ix-xhud ipprezenta l-marki tal-iskola li kien igib u li juru li dawn bdew imorru lura tul iz-zmien.[2]

[2] Dok. IM1.

Ix-xhud spjega kif harget din l-istorja meta darba wahda; fis-sena elfejn u tnejn u ghoxrin; is-socju l-gdid tieghu fil-Muzew li kien certu -Omissis-, kien qed jghid li s-socji kollha huma nies tajba u hemmhekk il-minuri fetah qalbu ghall-ewwel darba mieghu u rrakkontalu dak li kien jaghmillu l-imputat ghax kien ilu jhossu li kellu toqol fuqu. Minn hemmhekk saru jafu ommu u missieru. Jghid illi din il-PTSD bdiet turi ruhha meta kien jara l-vannijiet tal-kumpanija fejn kien jahdem l-imputat kif ukoll vannijiet tal-Muzew.

**-Omissis-** ikkonferma dak li kien qal -Omissis- meta kien irrakkontalu kollox u wara li dan rega' kellmu f'okkazjoni ohra dan rega' rrakkontalu kollox u kien konsistenti fi kliemu. Jghid li minn hemmhekk mar ghand is-superjur tieghu -Omissis- u rrappurtalu kollox li min-naha tieghu informa lid-Delegat tas-Superjur Generali.

Rat illi d-difiza talbet li jithejja Social Enquiry Report minn naha ta' Ufficjal tal-Probation li dan sar minn **Odelsie Vella Bayliss**.[3]

Rat ukoll id-digriet taghha datat tlieta (3) ta' Lulju 2023 fejn fuq talba tal-partijiet, giet nominata **Dr Chantal**

[3] Dok. OVB1 – a fol 188 et seq.

<u>**Avellino**</u> sabiex tezamina lill-imputat li pprezentat rapport li gie mmarkat bhala Dok. CA1.[4] Avellino tghid illi mill-intervisti mal-imputat hareg illi meta dan kien iqatta' l-hin mal-minuri -Omissis- kien "the darkest side of my life" ghaliex hajtu kienet inbidlet. Hareg illi huwa kellu kaz precedenti ta' pornografija ta' tfal. Dan u l-fatt illi kien jaghmilha hafna mat-tfal gietlu kurzità u ghamlitha aktar facli li jghaddi ghal fatti. Tghid illi dan kien jaghmel dawn l-atti lejn -Omissis- u mhux tfal ohra peress li forsi -Omissis- kellu aktar kunfidenza mieghu u ghalhekk ghamlitha aktar facli. Tghid illi mental disorders jew learning disabilities ma sabitx però tghid ukoll illi ghandu bzonn ikun hemm intervent psikologiku fuq l-imputat. Tghid illi kazijiet bhal dawn bi treatment orders mhux bizzejjed izda trid intervent aktar twil fejn trid tahdem fuqhom minn aspett psikologiku u peress li r-riskju li l-imputat jerga' jaqa' gie moderat u ghalhekk ikun hemm bzonn ta' close monitoring.

## IKKUNSIDRAT

Illi l-akkuza l-aktar gravi kontra l-imputat hija dik ta' korruzzjoni ta' minorenni sancita mill-Artikolu 203(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li bdiet qabel l-emenda

[4] Folio 239 et seq.

b'Att XIII tal-2018 u kontinwat wara din l-emenda. Illi dwar dan il-punt din il-Qorti taqbel mad-difiza illi ghandha tapplika l-piena ta' qabel l-emenda tal-2018 izda biz-zieda minhabba l-kontinwazzjoni tar-reat. Illi qabel l-emenda tal-2018 dan l-Artikolu kien jistipula:

> *"Kull min, b'eghmil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht l-età, tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha:"*

Illi fin-noti tieghu dwar id-dritt penali, il-**Professur Mamo** fin-Noti tieghu jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi dina l-azzjoni penali. Fi kliemu jghid illi dana r-reat:

> *"deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual."*

Kwindi l-ewwel element rikjest hija l-età tal-allegat vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioè l-ghemil zieni.

> *"Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed."*

Il-Professur Mamo jkompli jghid li *"this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilment be by lewd acts, which acts must be committed either on the person of the minor or at least in his presence"*. Isostni wkoll illi: "*to take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilment and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile."* Il-Professur Mamo jiddeskrivi dawn l-atti bhala: *"inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual apetite."*

Fl-ahhar nett it-tielet (3) element rikjest huwa l-att tal-korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qablux dwar il-fatt jekk minuri li digà huwa korrott jistax ikun soggett ghall-koruzzjoni u kwindi jistax jaqa' vittma ta' dana r-reat, madanakollu l-qrati taghna dejjem sahqu illi l-fatt illi minuri ikun digà gie soggett ghall-korruzzjoni ma jeskludiex il-kummissjoni ta' dana r-reat fil-konfront tieghu (ghalkemm mhux dan hu l-kaz inezami). Ghal dak li jirrigwarda mbaghad il-*mens rea* rikjesta ghall-kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni l-Professur Mamo huwa tal-fehma illi ma hijiex necessarja xi intenzjoni specifika wara l-kummissjoni ta' dana r-reat:

> *"The defilment whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile."*

Illi certament ma jonqosx illi din il-Qorti, f'dan il-kuntest tikkwota l-kaz per eccellenza ta' dan ir-reat deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali u cioè **<u>Il-Pulizija vs Thomas Wiffen</u>**, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Geatano fejn gie deciz:

*"Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.*

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts."*

Illi oramaj huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberatorja tal-imputat ghaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwa l-provi fl-assjem taghhom u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil minn tista’ temmen u f’xiex u dan *multo magis* f’dawn it-tip ta’ kawzi meta jkollok verzjoni ta’ minorenni versu verzjoni ta’ persuni ohra.

Illi huwa principju bazilari wkoll li r-reità tal-imputat trid tigi ppruvata mill-Prosekuzzjoni ’l hinn minn kull dubju dettat minn raguni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti trid tasal ghalih hu, li wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha inkluz dawk xjentifici u medici, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. F’dawn il-kuntesti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

> *“Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the*

*evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis** deciza mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Jannar 2019 inghad:-

*"Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' reati kontra l-persuna fosthom stupru, u korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed jghid iswed u liehor jghid abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv, il-kredibilta' u lattendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibilita` u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha.*

> *Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina ddettalji ipprezentati quddiemha mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew u xhieda ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din ilvertenza, ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel b'mod konciz u dettaljat."*

Illi f'dawn il-proceduri hareg bic-car, anke mill-istqarrija tal-imputat li nghatat bil-kawteli kollha stabbiliti mil-ligi, li l-imputat Kevin Mifsud minn dejjem ammetta dawk l-atti li bihom jed jigi akkuzat. Illi però hareg, li ghalkemm ammettihom b'xi mod, xorta wahda zamm lura jew b'xi mod qatt ma' wera xi sens ta' rimors ghall-agir tieghu. Dan il-fatt ihasseb ferm lill-Qorti b'mod specjali f'kaz illi jkun fis-socjetà u terga' tigih it-tentazzjoni li jerga' jimmolesta xi minuri iehor. Illi certament, il-pozizzjoni tieghu bhala ghalliem tal-minuri, il-fatt li kien habib hafna tal-familja u kien igawdi certa fiducja mill-genituri tal-imputat u kif sehhew l-atti per se, jaghmlu dawn l-atti aktar gravi.

Dan hareg ampjament mix-xhieda tal-Probation Officer u mill-espert nominata sabiex tezamina lill-imputat Dr Chantal Avellino li spjegat li l-imputat kellu digà kaz iehor

bhal dan inkwistjoni u dan ghalhekk ghandu jkollu *close monitoring* meta dan ikun qed jghix fis-socjetà.

## IKKUNSIDRAT

Illi tenut kont ta' dak li gie kkonstatat hawn fuq f'din is-sentenza, fil-kaz odjern il-Qorti m'ghandhiex l-icken dubju li l-verzjoni tal-minuri -Omissis- kienet kredibbli tul il-process kollu fejn dan minn dejjem stqarr kif l-imputat kien idahhal idejh fil-malja tieghu u kien jaqbadlu l-warrani, u dan kif anke kkorroborat mid-diversi stqarrijiet tal-imputat mal-pulizija kif ukoll mal-espert. Wara kollox hu kien digà ammetta ghall-akkuzi fil-konfront tieghu fil-bidu tal-proceduri biex wara rritratta kollox ghaliex skont hu ma kienx qed jifhem l-import u l-gravità taghhom. Illi ghal dan ir-rigward din il-Qorti ghandha s-serhan tal-mohh tal-espert Dr Chantal Avellino li kkonstatat li l-imputat ma jbati mill-ebda *learning disability* u ghalhekk m'hemmx problema l-ebda vizzju fil-konfront tieghu.

## IKKUNSIDRAT

A rigward ir-reat ta' attività sesswali ma' minuri taht l-Artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li fiz-

zmien meta twettaq l-allegat reat (qabel l-emenda ta' 2018) kien jghid hekk:

> *"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija sa sentejn . . . .".*

Illi minghajr ma toqghod tidhol f'aktar gurisprudenza jinghad illi l-atti maghmula mill-imputat versu l-minuri -Omissis- jinkwadraw fid-definizzjoni ta' attivitajiet sesswali stante illi kienu atti li jinvolvu l-partijiet privati tal-minuri. Ghalhekk dan ir-reat gie ppruvat u ser jigi kkunsidrat bhala mezz ghal fini tar-reat ta' korruzzjoni ta' minuri.

Illi kif digà nghad qabel, ghalkemm l-akkuzi jirreferu ghal atti maghmula qabel ma dahlet l-emenda hawn fuq imsemmija u baqghu jsiru sa wara din l-emenda qed taghmilha cara li mhijiex ser tapplika l-pieni l-aktar oneruzi u cioè dawk li dahlu wara l-emenda u dan fuq il-principju tal-aktar piena favorevoli ghall-imputat ghandha tigi applikata izda tapplika l-awment dwar il-kontinwità ta' tali atti.

**<u>PIENA</u>**

Illi ghalkemm ma hemmx dubju a rigward il-htija fuq l-imputat ta' xi whud mill-akkuzi, din il-Qorti ghamlet analizi approfondita a rigward il-piena li ghandha tigi erogata. Illi din il-Qorti hija konxja tal-fatt illi l-imputat kellu certu axxendent fuq il-minuri u kif inghad qabel kien igawdi certu fiducja mal-genituri tieghu u ghalhekk huwa ttradixxa din il-fiducja billi approfitta mill-età tenera tal-minuri u kkorrompih b'dak il-mod. Illi di più l-istess minuri sofra riperkussjonijiet psikologici minhabba dawn l-atti. Ghal dawn il-motivi l-piena ser tkun wahda ta' prigunerija effettiva tenut kont tal-gravità tar-reat kommess mill-imputat izda però bit-tir li jirriabilità ruhu permezz ta' trattament idoneu.

Fuq kollox kif inghad fis-sentenza tal-Appell Krininali (Inferjuri) per Imhallef Edwina Grima fil-kawza bl-ismijiet **<u>Pulizija v. Paschalino Cefai</u>** (dec 29/11/18) fejn kien qed jigi kkwotat is-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Renè sive Nazzareno Micallef</u>** (28/11/2006):

> *"Ta' spiss gie osservat minn din il-Qorti, kemm fil-gurisdizzjoni taghha superjuri kif ukoll dik inferjuri, li fuq appell mill-piena hija bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti*

*fic-cirkostanzi rizultanti kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "wrong in principle" jew "manifestly excessive"*

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir- riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas- socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.".*

L-istess Qorti tal-Appell fil-kawza ta' Cefai tkompli billi tghid is-segwenti:

*"Illi l-artikolu 142(1) tal- Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:*

*(a) the punishment of offenders;*

*(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence);*

*(c) the reform and rehabilitation of offenders;*

*(d) the protection of the public;*

*(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence."*

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 203(1)(c), 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Kevin Mifsud hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal piena ta' sentejn (2) u nofs prigunerija effettivi.

Il-Qorti wkoll tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' hames (5) snin u liema Ordni ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Il-Qorti, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Finalment u a bazi tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li isem l-imputat jitpogga fir-Registru mwaqqaf a bazi ta' dan l-Att u konsegwentement tordna kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati ghall-annotazzjoni necessarja.**

------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**